MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2010

Numru. 451/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Alison Cassar bint Angelo u Rita nee' Muscat, imwielda fit-3 ta' Gunju, 1984 u residenti 9A, Tal-Majru,**
**Triq San Bert, Xewkija, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 24384(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Alison Cassar li giet akkuzata talli nhar is-16 ta' Marzu, 2010, ghal habta ta' 08:30hrs f'Tax-Xhajma limiti tax-Xewkija, Ghawdex:

1) Saqet vettura bin-numru tar-Registrazzjoni HAS 132 tal-ghamla Hyundai b'manjiera traskurata, perikoluza u negligenti;
2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi habtet ma' vettura TFA 801 tal-ghamla Mercedes u kkagunat hsara involontarja ghad-dannu ta' Florence Beryl Camilleri minn Nadur, Ghawdex;
3) Aktar talli b'mod involontarju b'konsegwenza tal-habta kkagunat griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Franco Mercieca Dental Surgeon tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija l-imputata tigi skwalifikata mill-licenjza tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha;

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputata hatja u wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 u l-Artikoli 328 u 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha multa ta' hames mitt ewro (€500);

Inoltre tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient (8) ijiem mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------